MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru. 1087/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**KONTRA**

**CARMEL CAMILLERI ta' 54 sena, iben Joseph u Antonia nee' Cassar, imwieled il-Marsa nhar is-27 ta' Ottubru, 1957, residenti fil-fond numru 21, Charlann, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 711457M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmel Camilleri** li gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar, 2010, ghall-habta tas-6.20pm, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ078 (Mazda):

1. Waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura, fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas illi jieqaf meta d-dawl kien qieghed jixghel ahmar jew amber u kienet qed tigi wzata mill-pubbliku;

2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a)traskurata; (b)perikoluza; u (c)bla kont;

3. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil George Edward Brightwell u nvolontarjament ikkagunalu griehi ta' natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr Bassam Abu Shamala MD mill-MDH; kif ukoll ikkaguna griehi nvolontarji ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Brightwell skond ma ccertfika l-istess tabib.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikolu 226(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 125 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;
d. Fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 58).

Semghet ix-xhieda prodotti, senjalament dawk taz-zewg persuni mtajra, u ta' l-imputat.

Fl-ewwel lok din il-Qorti ser taghmel referenza ghall-sketch ezebit a folio 8, Dok RA2 folio 34. Aktar tard meta xehed PS 163 Robert Azzopardi li acceda fuq il-post ta' l-incident qal li sab il-vettura misjuqa mill-imputat FAJ078 Mazda, wieqfa fuq il-bicca tat-traffic lights minn fejn

jaqsmu n-nies. Qal illi sab il-karozza wieqfa fuq il-lane taghha fuq il-parti fejn jaqsmu n-nies.

Minn naha taghhom xehdu Mary Brightwell u George Edward Brightwell. Is-Sinjura Brightwell qalet illi hi u zewgha kienu qeghdin jaqsmu t-triq Santa Venera minn Apap Institute ghan-naha l-ohra. Qalet illi kif kienu fuq il-lights, li ghaliha kienu “green”, qasmu. Xehdet illi kif ser jaqsmu, waqfet karozza, giet ohra minn warajha, tat daqqa lil zewgha, u tefeghtu fuq in-naha l-ohra. Lilha tatha daqqa u sabet ruhha taht in-number plates. Qalet li ppruvat tqum, ma setghetx ghax bdew jugaghwha jdejha u rkubtejha. Xehdet illi biex qasmu stennew il-green lights. Ziedet illi fuq iz-zebra crossing line warning hi semghet jindaqq. Qalet illi l-vettura giet f’daqqa tant illi ma kellhiex cans tavza lil zewgha, qalet illi l-karozza l-ohra li tajritha kienet gejja minn Birkirkara u qalghet minn wara l-karozza l-ohra. Qalet illi lahqu qasmu biss bicca zghira mit-triq.

Minn naha tieghu George Edward Brightwell qal illi hu u martu kienu fuq il-lights ghall-habta tas-6.00pm, kien quddiemu il-knisja ta’ Santa Venera l-gdida. Xehed illi ghafsu l-buttuna u qaleb ahjar favur taghhom. Qal illi meta qaleb harsu u raw karozzi wieqfa fuq in-naha taghhom, fuq in-naha ta’ barra. Qal illi din il-karozza laqtithom minn naha ta’ gewwa tal-bankina.

Dwar il-griehi Dr Bassam Abushamala qal illi Mary Brightwell sofriet griehi ta’ natura gravi stante li kellha ksur, mentri zewgha kellu griehi ta’ natura hafifa.

Xehed minn naha tieghu l-imputat minn jeddu. Qal illi kien ghadu kif johrog il-karozza mill-spray, qabez il-pole lights li kienu qed jixeghlu ahdar. Xehed illi kien miexi kemm jiccaqlaq. Qal illi f’hin minnhom kif qabez il-pole lights hargu zewgt ixjuh. Qal illi l-mara strahet idejha fuq il-bonnet, u ta’ dan ezebixxa ritratti, Dok CC folio 64 – 66, mehuda minnu stess.

Ikkunsidrat:

Illi minn dak li xehdu x-xjuh imtajra, suppost il-vettura qalghet minn gewwa. Dan ma giex rifless fl-sketch ezebit li ma jurix spazju bizzejjed bejn il-vettura fejn misjuba u t-tarf tat-triq. Fil-fatt l-unika xhieda li baqa’ hija dik ta’ l-imputat u l-feruti - xhieda ghal kollox kontradittorja. Frankament din il-Qorti ma tistax tasal sal-grad li trid il-Ligi ghall-konvinciment morali li Carmel Camilleri huwa hati, ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------